# ŻVILUPPI ĠODDA FL-AĠENDA SOĊJALI EWROPEA

Bejn it-2 u 3 ta' Lulju, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ir-Reviżjoni ta' l-Aġenda Soċjali li tiġbor fiha numru ta' inizjattivi komprensivi u ambizzjużi. Din ir-responsabbiltà ġdida għal Ewropa Soċjali tinkludi politika varjata li tfittex kif tista' tiffaċilita l-opportunitajiet u l-aċċess u d-demonstrazzjoni ta' solidarjetà permezz ta' promozzjoni għall-kreazzjoni ta' impjieg, l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet u l-mobilità soċjali.



Fil-fatt, iż-żgħażagħ huma speċifikament indirizzati fl-aġenda soċjali reveduta, minħabba l-fatt li huma l-iktar vulnerabbli għall-globalizzazzjoni, għall-progress fit-teknoloġija u għas-soċjetà li qiegħda dejjem tixjieħ. Il-bidla mgħaġġla fl-ekonomija u fis-soċjetà, u d-diffikultajiet fl-ekonomija fid-dinja minħabba l-prezzijiet għoljin fuq l-ikel u ż-żejt, qegħdin iżidu t-tensjoni kemm fl-ekonomija, kif ukoll fis-soċjetà. Riskji li n-nies jistgħu jsibu ruħhom fil-faqar jew li jkunu ddiskriminati, huma fost il-problemi soċjali li jħossu ċ-ċittadini Ewropej.

Minħabba f'hekk, il-politika ta' l-Unjoni Ewropea li bdiet titħaddan matul dawn l-aħħar 50 sena, hija favur ix-xogħol, titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso stqarr li l-bidla mgħaġġla fl-ekonomija u fis-soċjetà huma inseparabbli mill-Istrateġija ta' Lisbona li l-għanijiet tagħha huma biex tkabbar u tipprovdi xogħlijiet aħjar fost l-Ewropej.

L-Aġenda Soċjali l-ġdida tiggarantixxi li ħadd ma jibqa' lura u li l-prosperità ta' l-Ewropa tkun mqassma bejn kulħadd. Waħda mill-ikbar problemi fl-ambjent soċjali hija li l-*Works Councils* għandhom nuqqas ta' kooperazzjoni bejniethom lil hinn mill-fruntieri tagħhom, piż li meta jkun solvut u jibdew jaħdmu flimkien ikun sar pass importanti 'l quddiem. L-Istati Membri ta' l-UE jonfqu 26% tal-GDP fuq il-politika soċjali, u dan jammonta għal iktar minn 10% minn kemm tonfoq l-Amerka. Madankollu li jgħodd huwa jekk hux qegħdin jintefqu b'manjiera effiċjenti.

Qegħdin jittieħdu passi attivi għall-inklużjoni u biex jinżammu s-suċċessi li diġà saru għal Ewropa Soċjali u li għandhom jgħinu biex l-Aġenda Ġdida Soċjali u d-dsatax–il inizjattiva f'oqsma differenti jkunu implimentati b'suċċess. Dawn l-inizjattivi huma bbażati fuq numru ta' prijoritajiet li jinkludu, fost oħrajn, l-investiment fin-nies, is-sapport tal-ħajja itwal u aktar b'saħħitha u t-tfassil ta' Aġenda Soċjali Internazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet ukoll biex tuża diversi għodod biex dawn l-inizjattivi jidħlu fis-seħħ.

Bħala leġislazzjoni, l-UE mistennija tadotta proposti kontra d-diskriminazzjoni, favur id-drittijiet tal-pazjent meta dan ikun qed jaqsam minn Stat Membru għal ieħor, kif ukoll ittejjeb il-funzjoni tal-*Works Councils* Ewropej. L-UE pproponiet ukoll it-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri speċjalment fejn tidħol il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, u li tkompli tuża fondi speċjalment minn programmi bħal PROGRESS, maħluqin bil-ħsieb li jgħinu fis-solidarjetà tax-xogħol u affarijiet soċjali.



***Minn Brenda Azzopardi***
*MEUSAC*